**It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2011**

## Nomina ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri (Is-Sur K. CARDIFF - IE)

P7_TA(2011)0556

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ħatra proposta ta' Kevin Cardiff bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0347/2011 – 2011/0812(NLE))**

(2013/C 168 E/30)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0347/2011),

— wara li kkunsidra l-fatt li fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Novembru 2011 il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-kandidat propost mill-Kunsill għall-kariga ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0419/2011),

A. billi Kevin Cardiff jissodisfa il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta mill-Kunsill għall-ħatra ta' Kevin Cardiff bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet ta' verifika tal-Istati Membri.

## Nomina ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri (Is-Sur P. RUSSO - IT)

P7_TA(2011)0557

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ħatra proposta ta' Pietro Russo bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0348/2011 – 2011/0813(NLE))**

(2013/C 168 E/31)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0348/2011),

— wara li kkunsidra l-fatt li fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Novembru 2011, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-innominat għall-postazzjoni fil-Qorti tal-Awdituri nominat mill-Kunsill,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0420/2011),

A. billi Pietro Russo jissodisfa il-kundizzjonijiet stipolati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Pietro Russo bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, l-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-verifika tal-Istati Membri.

## Nomina ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri (Is-Sur V. CALDEIRA - PT)

P7_TA(2011)0558

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ħatra proposta ta' Vítor Manuel da Silva Caldeira bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0344/2011 – 2011/0809(NLE))**

(2013/C 168 E/32)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0344/2011),

— wara li kkunsidra l-fatt li waqt il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Novembru 2011, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-kandidat propost mill-Kunsill għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0423/2011),

A. billi Vítor Manuel da Silva Caldeira jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Vítor Manuel da Silva Caldeira bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet ta' verifika tal-Istati Membri.